

Brussell, 18 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14861/22

LIMITE

ENV 1169

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0332(NLE)

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	13658/22 - COM(2022) 543 final
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-42 laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-ħarsien tal-ħajja selvaġġa u l-ambjenti naturali tal-Ewropa (il-"Konvenzjoni ta' Berna") - Adozzjoni

1. Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ħajja Ferjali Ewropea u tal-Abitati Naturali (il-Konvenzjoni ta' Berna) għandha l-għan li tikkonserva speċijiet ta' flora u fauna selvaġġi Ewropej u l-abitanti naturali tagħhom. L-UE ilha Parti għall-Konvenzjoni mill-1 ta' Settembru 1982. Is-27 Stati Membri kollha huma wkoll Partijiet.
2. Il-Kumitat Permanenti huwa l-korp governattiv tal-Konvenzjoni ta' Berna. Jista' jemenda r-regoli ta' proċedura tagħha u jadotta emendi għall-appendiċijiet tal-Konvenzjoni.
3. Fit-42 laqgħa tal-Kumitat Permanenti, li ser issir fi Strasburg, mit-28 ta' Novembru sat-2 ta' Diċembru 2022, l-Iżvizzera tipproponi li ċċaqlaq il-Lupu (*Canis lupus*) mill-Appendiċi II (speċijiet ta' fauna bi protezzjoni stretta) għall-Appendiċi III (speċijiet ta' fauna protetti – regolamentazzjoni possibbli). Il-Kumitat Permanenti ser jintalab ukoll jadotta emendi għar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

4. Fl-14 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill irċieva l-proposta tal-Kummissjoni¹ għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fit-42 laqgħa tal-Kumitat Permanenti fir-rigward ta' dawn l-emendi proposti.
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Ambjentali Internazzjonali (WPIEI) eżamina l-proposta tal-Kummissjoni fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Ottubru u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) ikkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Novembru. Abbażi tad-diskussjonijiet f'dawn iż-żewġ laqgħat u tal-kummenti mibgħuta mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza ħejjiet test ta' kompromess. Proċedura ta' Silenzju Informali, li ntemmet fl-10 ta' Novembru², ikkonfermat li kien hemm maġġoranza kwalifikata favur it-test ta' kompromess tal-Presidenza.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
 - a) jadotta, b'maġġoranza kwalifikata, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li jinsab fid-dokument 14590/22 (test iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti) bħala punt "A" fl-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss;
 - b) jiddeċiedi li jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni.

¹ 13658/22 - COM(2022) 543 final.

² WK 15155/2022 + ADD 1.